## Proċedura sħiħa biex tiffinalizza l-format ta' dokument

F'dawn in-noti għandek issib dak kollu li għandek bżonn biex:

- Tfassal stili differenti għat-test ewlieni u tliet livelli ta' titoli, skont il-gwida *Step by Step* tal-Università u l-MLA;
- Tgħaqqad dokumenti flimkien f'dokument wieħed twil, b'sezzjonijiet differenti u sistema ta' paġinazzjoni separata;
- Tagħti sistema ta' numerazzjoni fuq tliet livelli għat-titoli u sottotitoli tas-sezzjonijiet.
- Toħloq stili speċifiċi għal kwotazzjonijiet twal u l-biblijografija.

Se naħdmu b'ħames dokumenti prova li jinsabu fis-sit tat-taqsima-studju kif ukoll fil-VLE. Dawn huma dokumenti tal-format .docx, u huma:

- TestPagniPreliminari.docx
- TestKapitlu1.docx
- TestKapitlu2.docx
- TestKapitlu3.docx
- TestBiblijografija.docx

### Stili u format ta' kull sezzjoni tat-teżi

1. Tella' l-ewwel fajl fil-Word: *TestPagniPreliminari.docx* minn fuq is-sit tat-taqsima-studju jew mill-VLE.
2. Ibda aħdem fuq l-istili. Iftaħ l-i*Styles Window*, u kklikkja **Options**. Għal **Select Styles to show** agħżel **In current Document**.
3. It-test kollu bħal issa huwa fl-istil *Normal*. Agħżel id-dokument kollu u ibda biddel il-valuri skont kif issuġġerit mill-gwida *Step by Step* tal-Università. Dan se jkun l-istil tat-test ewlieni.
4. Dawn għandhom ikunu l-valuri tiegħu:

| **Stil Test ewlieni** |
|---|
| Font: Arial<br>Font size: 12+<br>Font style: None<br>Font colour: Black<br>Text alignment: Left<br>Paragraph indents and spacing:<br>    Outline Level: Body text<br>    Line spacing: 1.5<br>    Spacing: None (same as font size)<br>    Indenting: None<br>Paragraph Line and Page Breaks:<br>    Window/Orphan Control |

5. Malli tkun issettjajt il-valuri kollha, ħalli t-test kollu magħżul, u kklikkja l-buttuna **New Style**. Agħti isem ġdid lill-istil (eż. *myNormal*).

6. Aħżen id-dokument.
7. Issa jmiss noħolqu stil ġdid għat-titolu tad-dokument (jew tal-Kapitli).
8. Mur fuq it-titolu tal-ewwel paġna preliminari (*Preliminary Page 1 Essay Title*). Biddel il-valuri tal-istil skont kif issuġġerit mill-gwida *Step by Step* tal-Università.
9. Dawn għandhom ikunu l-valuri tiegħu:

| **Stil Heading 1 (mhux innumrat)** |
| --- |
| Font: Arial<br>Font size: 16+<br>Font style: Bold, underlined<br>Font colour: Black<br>Text alignment: Centre<br>Paragraph indents and spacing:<br>    Outline Level: 1<br>    Line spacing: 2.0<br>    Spacing: Large (24pt After)<br>    Indenting: None<br>Paragraph Line and Page Breaks:<br>    Window/Orphan Control<br>    Page break before |

10. Malli tkun issettjajt il-valuri kollha, ħalli t-test kollu magħżul, u kklikkja l-buttuna **New Style**. Agħti isem ġdid lill-istil (eż. *myHeading1*). Għal **Style for following paragraph** agħżel *myNormal*.
11. Aħżen id-dokument.
12. Il-**Page break before** issettjajnieha ħalli kull darba li jintagħżel dan l-istil jibda awtomatikament f'paġna ġdida.
13. Issa jmiss noħolqu stil ġdid għas-sottotitoli tad-dokument (jew sezzjonijiet). F'dawn il-paġni preliminari għandna bżonn stil għal sottotitolu wieħed (Level 2).
14. Mur fuq it-titolu tat-tieni paġna preliminari (*Preliminary page 2 Declaration of authenticity*). Biddel il-valuri tal-istil skont kif issuġġerit mill-gwida *Step by Step* tal-Università.
15. Dawn għandhom ikunu l-valuri tiegħu:

| **Stil Heading 2 (mhux innumrat)** |
| --- |
| Font: Arial<br>Font size: 14+<br>Font style: Bold<br>Font colour: Black<br>Text alignment: Left<br>Paragraph indents and spacing:<br>    Outline Level: 2<br>    Line spacing: 1.5<br>    Spacing: Medium (18pt After)<br>    Indenting: None<br>Paragraph Line and Page Breaks:<br>    Window/Orphan Control<br>    Keep with next |

16. Il-**Keep with next** issettjajnieha ħalli jekk sottotitolu jinzerta f'qiegħ ta' paġna, dan jinżel awtomatikament fil-paġna li jmiss biex jibqa' mal-paragrafu ta' warajh.
17. Malli tkun issettjajt il-valuri kollha, ħalli t-test kollu magħżul, u kklikkja l-buttuna **New Style**. Agħti isem ġdid lill-istil (eż. *myHeading2*). Għal **Style for following paragraph** agħżel *myNormal*.
18. Uża l-**Format Painter** biex tagħti l-istess stil lit-titoli tat-tliet paġni l-oħra f'dan id-dokument.
19. Aħżen id-dokument.
20. Issa nissettjaw l-istil tal-Header. Ikklikkja darbtjen fuq il-Header biex tidħol fih, u agħżel it-test kollu (Kunjom l-awtur u n-numru tal-paġna). Agħtihom l-istil *MyNormal*.
21. Xaqleb it-test fuq il-lemin.
22. Ikklikkja bil-lemin fuq in-numru tal-paġna. Dan irridu nbiddlulu l-istil għal numri Rumani.
23. Miż-żigarella agħżel **Page Number > Format page numbers**.
24. Agħżel il-format bin-numri Rumani fin-**Number format**. Ħalli **Continue from previous section** magħżula.
25. Oħroġ mill-Header u aħżen id-dokument.
26. Fil-kapitli ewlenin tat-teżi jista' jkollok xi stili oħrajn x'tissettja. Għalhekk ma' dak li għamilna hemm bżonn ukoll nagħmlu dan:

    - Noħolqu stil għas-sottotitoli tat-tielet livell (*myHeading3*), jekk naf li se jkolli bżonnu fit-teżi;
    - Nirranġaw il-paġinazzjoni tal-ewwel kapitlu biex tibda min-numru 1.
    - Noħolqu stil għal kwotazzjonijiet twal, ibbażat fuq *myNormal*.
    - Fil-każ tad-dokument tal-biblijografija, noħolqu stil għall-biblijografija, ibbażat ukoll fuq *myNormal*.

27. L-istil għal *myHeading3* (sottotitolu tat-tielet livell) għandu jkun hekk:

| **Stil Heading 3 (mhux innumrat)** |
| --- |
| Font: Arial<br>Font size: 13<br>Font style: Italic<br>Font colour: Black<br>Text alignment: Left<br>Paragraph indents and spacing:<br>    Outline Level: 3<br>    Line spacing: 1.5<br>    Spacing: Small (14pt After)<br>    Indenting: None<br>Paragraph Line and Page Breaks:<br>    Window/Orphan Control<br>    Keep with next |

28. L-istil għall-kwotazzjonijiet twal għandu jkun ibbażat fuq l-istil tat-test ewlieni (f'dan il-każ *myNormal*, iżda b'dawn id-differenzi:

| **Stil Kwotazzjonijiet twal** |
|---|
| L-istil tat-test ewlieni +<br>Paragraph indents and spacing:<br>Indentation: Left 2.5<br>Line spacing: Single (1.0) |

29. L-istil tat-test għall-biblijografija għandu jkun ibbażat fuq it-test ewlieni (f'dan il-każ *myNormal*) b'dawn il-bidliet:

| **Stil għall-Biblijografija** |
|---|
| L-istil tat-test ewlieni +<br>Paragraph indents and spacing:<br>Indentation: Special – Hanging by 1.27 |

30. Ftakar tbiddel għall-kursiv it-titoli ta' kotba, volumi, gazzetti u ġurnali li jkollok fil-biblijografija. Dan ikollok bżonn tagħmlu manwalment.

**Għaqqad is-sezzjonijiet flimkien**

1. Erġa' tella' d-dokument tal-paġni preliminari.
2. Ġannat id-dokumenti l-oħra ma' dan id-dokument permezz ta' **View** > **Outline** > **Show document** > **Insert**. Daħħal wara xulxin dawn id-dokumenti:
    a. TestKapitlu1.docx
    b. TestKapitlu2.docx
    c. TestKapitlu3.docx
    d. TestBiblijografija.docx
3. Fl-aħħar għandu jkollok dokument wieħed b'ħames sezzjonijiet differenti.
4. L-ewwel sezzjoni għandha tkun paġnata b'numri rumani.
5. It-tieni sezzjoni għandha tibda paġinazzjoni ġdida (minn paġna 1) b'numerazzjoni Għarbija. Is-sezzjonijiet kollha ta' wara għandhom ikomplu ma' din is-sezzjoni.
6. Aħżen id-dokument taħt isem ġdid eż. *TestDokumentShih.docx*.

**Numerazzjoni ta' kapitli u sezzjonijiet**

1. Għalkemm mhux obbligatorju li tagħti numru għall-kapitli u sezzjonijiet, huwa importanti li jekk tagħmel dan ikun hemm konsistenza fis-sistema ta' numerazzjoni. Jekk ikollok ħafna sottotitoli u sotto-sottotitoli, l-MLA tissuġġerixxi li m'għandux ikun hemm aktar minn tliet livelli (l-ewwel livell huwa t-titolu tal-kapitlu). Mela l-livelli nnumrati għandhom ikunu 1.; 1.1; 1.1.1., eċċ.
2. Jekk tagħti numri lill-kapitli u lis-sezzjonijiet, m'għandekx tinkludi fis-sekwenza t-titoli fil-paġni preliminari u l-Biblijografija. Għaldaqstant dawn ikollhom bżonn stil speċifiku għalihom.
3. Mur fuq it-titolu tal-ewwel kapitlu. Dan għandu jurik li l-istil huwa *myHeading1*.

4. Ikklikja l-buttuna **New Style** biex toħloq stil ġdid ibbażat fuq *myHeading1* imma b'xi tibdiliet.
5. Agħtih l-isem *MyHeading1n*, u rranġa **Style for following paragraph** għal *myNormal*.
6. Mill-buttuna **Format** mur fuq **Numbering** u agħżel sistema min-**Numbering Library**. Ġeneralment dik li għandha numru u punt għandha tkun biżżejjed.
7. Mur lura għall-buttuna tal-**Format** u agħżel **Paragraph**. Ara li l-valuri kollha tal-**Indentation** (*Left*, *Right* u *Hanging by*...) huma kollha 0pt. Jekk mhumiex agħmilhom hekk.
8. Agħmel l-istess ħaġa għall-ewwel sottotitolu li ssib ta' livell 2 u dak ta' livell 3. Oħloq stil ġdid għal kull wieħed u agħtihom l-ismijiet *MyHeading2n* u *myHeading3n*. Permezz ta' dan se niddistingwu l-istili tat-titoli nnumrati u dawk li mhumiex.
9. M'għandekx bżonn tbiddel l-istili tat-titoli l-oħra kollha li hemm fid-dokument għal issa.
10. Aħżen id-dokument.

**<u>Il-Multilevel Numbering</u>**

1. Issa għandna bżonn nissettjaw is-sistema ta' numerazzjoni biex tkun tista' tagħraf in-numri ta' livelli ta' numerazzjoni, u liema stili għandha tapplika għal din is-sistema.
2. Mit-tabella tal-**Home**, sib il-grupp ta' buttuni tal-**Paragraph** u kklikkja fuq il-vleġġa ż-żgħira tal-buttuna **Multilevel List**.
3. Mil-**List Library** għażel il-kaxxa li fiha n-numri 1.; 1.1.; 1.1.1.
4. Erġa' iftaħ il-menù tal-**Multilevel List** u agħżel **Define New Multilevel List**.
5. Ikklikkja l-buttuna **More** biex tara iktar għażliet.
6. Se nissettjaw sistema numerika bi tliet livelli, u kull waħda se nassoċjawha ma' wieħed mill-istili li ħloqna: *MyHeading1n*, *myHeading2n* u *myHeading3n*.
7. Mil-lista **Click Level to Modify** ikklikkja n-numru **1**.
8. Fuq il-lemin, fil-**Link level to style**, niżżel il-lista u agħżel *myHeading1n*.
9. Għal **Level to show in gallery** agħżel **Level 1**.
10. Fis-sezzjoni tal-**Position**, ara li **Text indent at** u **Aligned at** ikunu t-tnejn 0ċm.
11. Għal dan il-livell, fit-tieqa għandha tidhirlek **1. *myHeading1n***.
12. **Tikklikkjax OK għal issa**.
13. Mil-lista **Click Level to Modify** ikklikkja n-numru **2**.
14. Fil-**Link level to style** agħżel *myHeading2n*, u għal **Level to show in gallery** agħżel **Level 2**.
15. Erġa' ċċekkja li **Text indent at** u **Aligned at** huma t-tnejn 0ċm.
16. Għal dan il-livell, fit-tieqa għandha tidhirlek **1.1. *myHeading2n***.
17. **Tikklikkjax OK għal issa**.
18. Mil-lista **Click Level to Modify** ikklikkja n-numru **3**.
19. Fil-**Link level to style** agħżel *myHeading3n*, u għal **Level to show in gallery** agħżel **Level 3**.
20. Erġa' ċċekkja li **Text indent at** u **Aligned at** huma t-tnejn 0ċm.

21. Għal dan il-livell, fit-tieqa għandha tidhirlek **1.1.1. *myHeading3n***.
22. **Issa** kklikkja **OK**. Jekk tara li l-istil tat-titolu ewlieni tbiddel, sempliċement erġa' agħżel l-istil mil-lista ta' Styles.
23. L-ewwel titolu u ż-żewġ sottotitoli fl-ewwel paġna tad-dokument (it-tliet livelli) suppost għandhom jiġu nnumrati skont is-sekwenza li tajniehom. It-titoli l-oħra fil-bqija tad-dokument għadhom assoċjati mal-istili li mhumiex innumrati. Issa li jmiss huwa li naġġornawhom għall-istili nnumrati. Dan irid isir manwalment.
24. Aħżen id-dokument.

**<u>Il-Werrej ġenerali</u>**

1. Issa li għandna d-dokument f'postu, bit-titoli u s-sottotitoli ssettjati kif suppost, imissna noħolqu werrej ġenerali għad-dokument kollu.
2. Sib il-paġna tal-werrej ġenerali, u agħżel il-paragrafu taħt is-sottotitolu. Dan se npoġġu l-werrej minfloku.
3. Ikklikkja t-tabella **References** u **Table of Contents**.
4. Agħżel **Insert Table of Contents**.
5. Ikklikkja l-buttuna **Options**.
6. Se tara mmarkata l-għażla **Build table of contents from Styles**. Ħalli din kif inhi.
7. Fuq il-lemin hemm il-lista **TOC level**. Hawnhekk hawn il-lista ta' stili u livelli li se jintużaw biex noħolqu l-werrej. Irridu nagħżlu dawk l-istili kollha li ħloqna għat-titoli u sottotitoli, li huma dawn:

    - *myHeading1* (Level 1)
    - *myHeading1n* (Level 1)
    - *myHeading2* (Level 2)
    - *myHeading2n* (Level 2)
    - *myHeading3* (Level 3)
    - *myHeading3n* (Level 3)

8. Kull stil ieħor li huwa magħżul irid jitneħħa billi tneħħi n-numru tal-livell tiegħu (ġeneralment ikunu Heading 1, Heading 2 u Heading 3).
9. Ikklikkja **OK**.
10. Ikklikkja **Modify**. Hawnhekk nistgħu inbiddlu l-istil tal-werrej biex nibbażawh fuq l-istil tat-test ewlieni.
11. Sakemm għandek **TOC 1** magħżula, erġa' kklikkja l-buttuna **Modify**.
12. Agħmel dawn it-tibdiliet għall-istil tal-werrej:

| **Stil Werrej Ġenerali** |
|---|
| Font: Arial<br>Size: 12pt<br>Style based on: myNormal<br>Style for following paragraph: myNormal<br>Line spacing: Medium (1.5) |

13. Irrepeti dan għal **TOC 2** u **TOC 3**. Dan jagħtik l-istess stil għat-tliet livelli ta' titoli.
14. Jekk tkun trid tirranġa l-istili, agħżel wieħed mill-vrus b'dak l-istil, u kklikkja **Modify** fuq dak l-istil mill-kaxxa tal-i**Styles**.
15. Aħżen id-dokument.

**<u>Oħloq dokument PDF</u>**

1. Fil-verżjoni 2003 tal-Word (u dawk ta' qabel), għandek bżonn programm barrani biex taqleb dokument .doc għal wieħed tal-format PDF. Dan m'għandekx bżonnu fil-Word 2007/2010.
2. Malli tkun ċert li d-dokument huwa ffinalizzat minn follox, ikklikkja l-**Word Button** (fil-Word 2007) u t-tabella **File** (fil-Word 2010) u agħżel **Save as**.
3. Agħżel **PDF or XPS**.
4. Id-dokument iżomm l-istess isem, u jħallik taħżnu fl-istess post fejn għandek id-dokument oriġinali .docx.
5. Ikklikkja **Publish**.